**Qorti tal-Magistrati**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. Can.**

**Rikors Nru.: 53/16**

**Hydroelectric Limited (C9039)**

**Vs**

**Capece Construction Limited (C53626)**

**Seduta tat-8 ta' Gunju, 2016.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentat mis-socjeta' Hydroelectric Limited nhar id-9 ta' Marzu, 2016 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Capece Construction Limited thallasha s-somma ta' erbatax-il elf, hames mija u wiehed u tmenin Ewro w sebgha u sebghin centezmu (€14,581.77), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u konsenjata mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-fattura kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi s-socjeta' konvenuta kienet debitament notifikata skond riferta posittiva tal-Marixxal Mario Mizzi datata 26 ta' Marzu 2016, fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tas-socjeta' konvenuta moghti fl-avviz (fol.5 tergo).

Illi fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Gunju 2016, is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta' konvenuta.

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2016 is-socjeta' konvenuta giet imsejha izda ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi 'n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-Avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbatax-il elf, hames mija w wiehed u tmenin Ewro w sebgha w sebghin centezmu (€14,581.77) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-fattura kontra s-socjeta' konvenuta.**

Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Magristrat

Marbeck Spiteri

Deputat Registratur